32002R2104

L 324/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.11.2002

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2104/2002 tat-28 ta' Novembru 2002 li jaddatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol fil-Komunità u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1575/2000 li jimplimenta r-Regolamenttal-Kunsill (KE) Nru. 577/98 safejn u sakemm jirrigwarda l-lista tad-divarji ta' l-edukazjoni u tat-taħriġ u l-kodifika tagħhom sabiex jintużaw għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni mis-sena 2003 'il quddiem

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/2002 tad-9 Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1991/98 [2] tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-evoluzzjoni tal-modi tat-teknika u tal-kunċetti, b'mod partikolari fejn jirrigwardaw id-distinzjoni bejn l-edukazzjoni formali u għamliet oħra ta' attivitajiet ta' tagħlim u l-implimentazzjoni tal-klassifika fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ, jagħmluha ta' ħtieġa illi tiġi addattata l-lista tad-divarji ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ stabbilita f'Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 577/98.

(2) Bħala konsegwenza ta' dan, għandha tiġi addattata wkoll il-kodifika ta' dawn id-divarji stabbilita fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1575/2000 tad-19 ta' Lulju 2003 [3]. Il-lista l-ġdida u l-kodifika għandhom ikunu diġà implimentati fis-sena 2003 sabiex jiggarantixxu l-kompatibbiltà intiera mal-modulu *ad hoc* tas-sena 2003 dwar it-tagħlim tul il-ħajja [4].

(3) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma bi skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Artikolu 4(1)(ħ) tar-Regolament (KEE) Nru 577/98 jinbidel hawnhekk b'dan li ġej:

"(ħ) l-edukazzjoni u t-taħriġ:

il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni jew it-taħriġ formali matul l-erba' ġimgħat ta' qabel

— il-livell,

— il-qasam;

il-parteċipazzjoni f'korsijiet u attivitajiet oħra mgħallma matul l-erba' ġimgħat ta' qabel

— it-tul totali

— l-għan tal-kors jew ta' attività oħra mgħallma l-iktar riċenti

— il-qasam ta' l-attività mgħallma l-iktar riċenti

— ipparteċipata fl-attività mgħallma l-iktar riċenti matul is-sigħat tax-xogħol;

il-livell edukattiv milħuq

— l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ ikkompletati b'suċċess

— il-qasam ta' dan l-ogħla livell ta' edukazzjoni u taħriġ.

— is-sena meta kien ikkompletat b'suċċess dan l-ogħla livell."

*Artikolu 2*

Il-kodifika tad-divarji ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li jridu jiġu wżati għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni għas-snin 2003 u iktar 'il quddiem stabbiliti fl-Anness mar-Regolament preżenti tieħu l-post tad-divarji korrispondenti inklużi fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1575/2000.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3.
[2] ĠU L 308, tad-9.11.2002, p. 1.
[3] ĠU L 181, ta' l-20.7.2000, p. 16.
[4] ĠU L 192, ta' l-20.7.2002, p. 16.
[5] ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Pedro SOLBES MIRA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

1. Id-divarji huma kodifikati fil-manjiera li ġejja:

| Id-Divarju | Il-Kolonna | Il-Kodiċi | | Il-Filtri/kummenti |
|---|---|---|---|---|
| EDUCSTAT | 293 | | **L-istudent jew l-apprendist fl-edukazzjoni regolari matul l-aħħar erba'ġimgħat** | Kulħadd ta' l-età ta' 15-il sena jew fuqhom |
| | | 1 | Kien/et student/a jew apprendist/a | |
| | | 2 | Ma kien/kenitx student/a jew apprendist/a | |
| | | 9 | Ma japplikax (tifel/tifla ta' inqas minn 15-il sena) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| EDUCLEVEL | 294 | | **Il-livell ta' din l-edukazzjoni jew dan it-taħriġ** | EDUCSTAT = 1 |
| | | 1 | L-ISCED 1 | |
| | | 2 | L-ISCED 2 | |
| | | 3 | L-ISCED 3 | |
| | | 4 | L-ISCED 4 | |
| | | 5 | L-ISCED 5 | |
| | | 6 | L-ISCED 6 | |
| | | 9 | 9 = Ma japplikax (EDUCSTAT = 2, 9, battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| EDUCFIELD | 295/297 | | **Il-qasam ta' din l-edukazzjoni jew dan it-taħriġ** | EDUCSTAT = 1 u EDUCLEVEL = 3 sa 6 |
| | | 000 | Il-programmi ġenerali | |
| | | 100 | It-taħriġ tal-għalliema u l-edukazzjoni fix-xjenzi | |
| | | 200 | L-Umanitajiet, il-Lingwi u l-Arti | |
| | | 222 | Il-Lingwi barranija | |
| | | 300 | Ix-Xjenzi Soċjali, il-Kummerċ u l-Liġi | |
| | | 400 | Ix-Xjenza, il-Matematika u l-Informatika | |
| | | 420 | Ix-Xjenza tal-Ħajja (inklużi l-Bijoloġija u x-Xjenza Ambjenali) | |
| | | 440 | Ix-Xjenzia Fiżiċi (inklużi l-Fiżika, il-Kemsitrija u x-Xjenza tad-Dinja) | |
| | | 460 | Il-Matematika u l-Istatistika | |
| | | 481 | Ix-Xjenza tal-Kompjuter | |
| | | 482 | L-Użu tal-Kompjuter | |
| | | 500 | L-Inġinerija, il-Fabbrikazzjoni u l-Kostruzzjoni | |
| | | 600 | L-Agrikoltura u x-Xjenza | |
| | | 700 | Is-Saħħa u s-Sigurtà | |
| | | 800 | Is-Servizzi | |
| | | 900 | Mhux magħrufa | |
| | | 999 | Ma japplikax (ESUCSTAT = 2, 9, battal jew EDUCLEVEL = (3 sa 6) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |

| Id-Divarju | Il-Kolonna | Il-Kodiċi | | Il-Filtri/kummenti |
|---|---|---|---|---|
| COURATT | 298 | | **Attendejt xi korsijiet, seminarji, konferenzi jew irċevejt xi lezzjonijiet privati jew tagħlim' il barra mis-sistema ta' l-edukazzjoni regolari (minn issa' l quddiem imsemmija bħala attivitajiet imgħallma) matul dawn l-aħħar erba' ġimgħat?** | Kulħadd ta' l-età ta' 15-il sena jew fuqhom |
| | | 1 | Iva | |
| | | 2 | In-Numru | |
| | | 9 | Ma japplikax (tifel/tifla ta' inqas minn 15-il sena) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| COURLEIN | 299/301 | | **In-numru ta' sigħat imgħoddija fl-attivitajiet imgħallma kollha matul l-aħħar erba' ġimgħat** | COURATT = 1 |
| | | 3 cifri | In-Numru ta' sigħat | |
| | | 999 | Ma japplikax (COURATT = 2, 9, battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| COURPURP | 302 | | **Il-għan ta' l-attività tat-tagħlim imgħallma l-iktar riċenti** | COURATT = 1 |
| | | 1 | Fil-biċċa l-kbira għandu x'jaqsam max-xogħol (professjonali) | |
| | | 2 | Fil-biċċa l-kbira personali/soċjali | |
| | | 9 | Ma japplikax (COURATT = 2, 9, battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| COURFIELD | 303/305 | | **Il-qasam ta' l-attività tat-tagħlim imgħallma l-iktar riċenti** | COURATT = 1 |
| | | 000 | Il-programmi ġenerali | |
| | | 100 | It-taħriġ tal-għalliema u l-edukazzjoni fix-xjenzi | |
| | | 200 | L-Umanitajiet, il-Lingwi u l-Arti | |
| | | 222 | Il-Lingwi barranija | |
| | | 300 | Ix-Xjenzi Soċjali, il-Kummerċ u l-Liġi | |
| | | 400 | Ix-Xjenza, il-Matematika u l-Informatika | |
| | | 420 | Ix-Xjenza tal-Ħajja (inklużi l-Bijoloġija u x-Xjenza Ambjenali) | |
| | | 440 | Ix-Xjenzi Fiżiċi (inklużi l-Fiżika, il-Kemsitrija u x-Xjenza tad-Dinja) | |
| | | 460 | Il-Matematika u l-Istatistika | |
| | | 481 | Ix-Xjenza tal-Kompjuter | |
| | | 482 | L-Użu tal-Kompjuter | |
| | | 500 | L-Inġinerija, il-Fabbrikazzjoni u l-Kostruzzjoni | |
| | | 600 | L-Agrikoltura u x-Xjenza | |
| | | 700 | Is-Saħħa u s-Sigurtà | |
| | | 800 | Is-Servizzi | |
| | | 900 | Mhux magħrufa | |
| | | 999 | Ma japplikax (COURATT = 2, 9, battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |

| Id-Divarju | Il-Kolonna | Il-Kodiċi | | Il-Filtri/kummenti |
|---|---|---|---|---|
| COURWORH | 306 | | **L-attività tat-tagħlim imgħallma l-iktar riċenti saret matul is-sigħat tax-xogħol?** | COURATT = 1 |
| | | 1 | Matul is-sigħat tax-xogħol bi ħlas biss | |
| | | 2 | Fil-biċċa l-kbira matul is-sigħat tax-xogħol bi ħlas | |
| | | 3 | Fil-biċċa l-kbira 'il barra mis-sigħat tax-xogħol bi ħlas | |
| | | 4 | Il barra mis-sigħat tax-xogħol bi ħlas biss | |
| | | 5 | Ma kelli l-ebda xogħol dik il-ħabta | |
| | | 9 | Ma japplikax (COURATT = 2, 9, battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| HATLEVEL | 307/308 | | **L-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ ikkompletati b'suċċess** | Kulħadd ta' l-età ta' 15-il sena jew fuqhom |
| | | 00 | L-ebda edukazzjoni formali jew taħt l-ISCED 1 | |
| | | 11 | L-ISCED 1 | |
| | | 21 | L-ISCED 2 | |
| | | 22 | L-ISCED 3ċ (inqas minn tliet snin) | |
| | | 31 | L-ISCED 3ċ (tliet snin u fuqhom) | |
| | | 32 | L-ISCED 3 a, b | |
| | | 30 | L-ISCED 3 (mingħajr distinzjoni possibbli ta' l-a, il-b, jew iċ-ċ, 3 snin+) | |
| | | 41 | L-ISCED 4 a, b | |
| | | 42 | L-ISCED 4ċ | |
| | | 43 | L-ISCED 4 (mingħajr distinzjoni possibbli ta' l-a, il-b, jew iċ-ċ) | |
| | | 51 | L-ISCED 5b | |
| | | 52 | L-ISCED 5a | |
| | | 60 | L-ISCED 6 | |
| | | 99 | Ma japplikax (tifel/tifla ta' inqas minn 15-il sena) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| HATFIELD | 309/311 | | **Il-qasam ta' l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ ikkompletati b'suċċess** | HATFIELD = 22 sa 60 |
| | | 000 | Il-programmi ġenerali | |
| | | 100 | It-taħriġ tal-għalliema u l-edukazzjoni fix-xjenzi | |
| | | 200 | L-Umanitajiet, il-Lingwi u l-Arti | |
| | | 222 | Il-Lingwi barranija | |
| | | 300 | Ix-Xjenzi Soċjali, il-Kummerċ u l-Liġi | |
| | | 400 | Ix-Xjenza, il-Matematika u l-komputazzjoni (l-ebda distinzjoni possibbli) | |
| | | 420 | Ix-Xjenza tal-Ħajja (inklużi l-Bijoloġija u x-Xjenza Ambjenali) | |
| | | 440 | Ix-Xjenzi Fiżiċi (inklużi l-Fiżika, il-Kemsitrija u x-Xjenza tad-Dinja) | |

| Id-Divarju | Il-Kolonna | Il-Kodiċi | | Il-Filtri/kummenti |
|---|---|---|---|---|
| | | 460 | Il-Matematika u l-Istatistika | |
| | | 481 | Ix-Xjenza tal-Kompjuter | |
| | | 482 | L-Użu tal-Kompjuter | |
| | | 500 | L-Inġinerija, il-Fabbrikazzjoni u l-Kostruzzjoni | |
| | | 600 | L-Agrikoltura u x-Xjenza | |
| | | 700 | Is-Saħħa u s-Sigurtà | |
| | | 800 | Is-Servizzi | |
| | | 900 | Mhux magħrufa | |
| | | 999 | Ma japplikax (HATFIELD = 00,11, 21, 99,Battal) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |
| HATYEAR | 312/315 | | **Is-sena meta l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ kienu kkomple-tati b'suċċess** | Kulħadd ta' l-età ta' 15-il sena jew fuqhom u HATFIELD =11 sa 60 |
| | | | Jiddaħħlu l-erba' ċifri għas-sena meta kien ikkompletat b'suċċess l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ | |
| | | 9999 | Ma japplikax (tifel/tifla ta' inqas minn 15-il sena jew HATFIELD = 00) | |
| | | Battal | L-ebda tweġiba | |

2. Id-divarji li gejjin mhumiex obbligatorji:

EDUCFIELD, COURFIELD, COURPURP, COURWORH.

3. Id-divarji li ġejjin mhumiex obbligatorji għas-sena 2003:

EDUCSTAT, EDUCLEVEL, COURATT, COURLEN.